MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2012

Rikors Numru. 653/2009

**HSBC Bank Malta p.l.c.**
**(C – 3177)**
**gja` HSBC Home Loans (Malta) Limited**
**(C – 1000)**

**vs**

**Karl Azzopardi, fil-Kummerc, bin Emanuel u Emma nee Mifsud, imwieled H’Attard u joqghod il-Mellieha, detentur ta’ l-karta ta’ l-identita` bin-numru 90770 (M), u Audrey Azzopardi, mart Karl, bint il-mejjet Aldo Micallef Grimaud u Nancy nee Gatt, imwielda H’Attard u toqghod il-Mellieha, detentrici ta’ l-karta ta’ l-identita` bin-numru 54172 (M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur guramentat datat is-7 ta' Lulju, 2009, li permezz tieghu il-bank rikorrenti sintetikament ikkonferma s-segwenti fatti:

1. Illi l-bank rikorrenti kien kanonizzat kreditur tal-intimati fuq indikati tramite kuntratt ta' self u kompro-vendita datat it-22 ta' Novembru, 1995, fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri-Soler;

2. Illi l-imsemmi kuntratt gie rez ezekuttiv permezz ta' ittra ufficcjali datata s-26 ta' Marzu, 2004, fis-somma ta' tnejn u hamsin elf, tmien mija u sebgha u ghoxrin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu, (€52,827.27), oltre l-imghaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mit-22 ta' Marzu, 2001, sal-gurnata tal-effettiv pagament;

3. Illi issa li ghadda perjodu konsiderevoli minn meta d-drittijiet tal-bank rikorrenti kienu gew rezi hekk ezegwibbli u enforzabbli, l-istess bank rikorrenti jirribadixxi d-drittijiet tieghu sabiex jithallas l-ammont lilu dovut mill-intimati;

Illi in vista tal-premess qieghed issa jipprevalixxi ruhu mill-artikolu 258 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex:

1. Jirravviva d-drittijiet tieghu fuq indikati kontra l-intimati konjugi Azzopardi fuq imsemmija;

2. Illi konsegwentement id-dritt fuq indikat jerga' jigi rez titolu ezekuttiv skont il-ligi;

3. Illi di piu`, l-istess ikun issa jista` jigi ezegwit kontra l-imsemmija ntimati;

Rat ir-risposta tal-intimati konjugi Azzopardi datata s-27 ta' Ottubru, 2009, fejn sintetikament wiegbu bil-mod segwenti:

1. Illi m'ghandhom l-ebda oggezzjoni li t-titolu ezekuttiv meritu ta' din il-vertenza jerga' jigi ravvivat;

2. Illi dan pero` ghandu jkun kwalifikat bis-segwenti:

a. Illi l-ammont effettivament dovut mill-intimati lill-bank rikorrenti hu ferm anqas minn dak indikat fir-rikors promotur kif indikat fl-istess risposta;

b. Illi l-ispejjez tal-procedura odjerna ghandhom jigu sopportati mill-bank rikorrenti ghaliex ma kienux moruzi fil-pagamenti minnhom dovuti;

Rat in-nota tal-bank rikorrenti datata t-28 t'Ottubru, 2009, li permezz taghha irriduca t-talba originali minnu esposta ghal erbgha u tletin elf, sitt mija u disgha u sebghin Ewro u tmienja u sittin centezmu, (€34,679.68), oltre imghaxijiet legali akkumulati fl-ammont ta' elf hames mija u Ewro u tlett centezmi, (€1,501.03);

Rat il-verbal ta' din il-qorti diversament preseduta datat il-15 t'April, 2010, li permezz tieghu hatret lill-Assistant Gudizzjarju biex jisma' l-provi kollha tal-konvenuti;

Rat il-verbal tad-19 ta' Mejju, 2011, fejn il-qorti kienet infurmata li l-kawza odjerna kienet ser tibqa' differita ghad-data hemm indikata " … sabiex jigi kkonsenjat l-inkartament minghand l-ex Assistant Gudizzjarju …";

Rat in-nota tal-Assistant Registratur datata t-3 ta' Jannar, 2012, li permezz taghha annetta l-inkartament precedentement fil-pussess tal-istess Assistant Gudizzjarju;

Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-intimati datat id-29 ta' Frar, 2012, li permezz tieghu irrimetta ruhu ghall-provi esebiti fil-process;

Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi effettivament ir-rizultanzi jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

1. Illi ai termini tal-kuntratt pattwit bejn il-kontendenti fuq indikati datat it-22 ta’ Novembru, 1995, in atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri-Soler, l-intimati Azzopardi ssellfu l-ammont hemm indikat mill-bank rikorrenti ghall-iskop hemm ukoll inidikat;

2. Illi permezz ta’ ittra ufficcjali datata s-26 ta’ Marzu, 2004, l-istess kreditu dovut mill-intimati lill-bank rikorrenti gie rez ezekuttiv;

3. Illi stante li effettivament l-intimati kienu qed jeffettwaw pagamenti rateali minnhom dovuti in vista tas-suespost, il-bank rikorrenti ikkristallizza l-ammont minnu pretiz f’dak ta’ erbgha u tletin elf, sitt mija u disgha u sebghin Ewro u tmienja u sittin centezmu, (€34,679.68), oltre imghaxijiet legali ammontanti ghal elf, hames mija u Ewro u tlett centezmi, (€1,501.03), u dan, sad-data fuq indikata fin-nota esplikattiva tieghu a fol 23;

4. Illi di piu`, l-istess intimati konjugi Azzopardi esprimew il-pozizzjoni taghhom fir-rigward tat-talbiet tal-bank rikorrenti billi nfurmaw lill-qorti li ma ghandhom l-ebda “ … oggezzjoni li t-titolu ezekuttiv in kwistjoni jerga’ jigi ravvivat”;

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost din il-qorti, wara li rat l-artikolu 258 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u sodisfatta li l-bank rikorrenti ssodisfa r-rekwiziti hemm elenkati, senjatament:

1. Illi l-bank rikorrenti kkonferma bil-gurament tar-rapprezentant tieghu, ix-xorta tad-dejn in dizamina;

2. Illi din il-konferma saret a bazi ta’ rikors appozitu kif legalment rikjest;

3. Illi di piu`, ukoll fuq l-iskorta tat-talba tal-bank rikorrenti biex tigi ripristinata l-esekuzzjoni effettiva mitluba;

4. Illi finalment, id-dejn kif ridott, ghadu dovut;

Tiddikjara li d-drittijiet tal-bank rikorrenti HSBC Bank Malta p.l.c. huma hekk ravvivati u rezi esekuttivi fil-konfront tal-intimati konjugi Karl u Audrey Azzopardi fl-ammont kif fuq indikat a bazi tal-istess nota ta' riduzzjoni kif sottomessa mill-bank rikorrenti datata t-28 t'Ottubru, 2009, (ara fol 23), kif fuq dettaljatament ukoll indikata, u dan, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-intimati Azzopardi sad-data tal-effettiv pagament.

________________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------